A.L. 181 ta' l-2007

ATT DWAR L-AKKWIST TA' PROPRJETÀ IMMOBBLI MINN PERSUNI MHUX RESIDENTI (KAP. 246)

Ordni ta' l-2007 dwar Residenza Ta' Monita, Marsascala bħala Żona Speċjali Msemmija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 8 ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni ta' l-2007 dwar Residenza Ta' Monita, Marsascala bħala Żona Speċjali Msemmija.

Tismija ta' Żona Speċjali.

2. Ir-Residenza Ta' Monita, Marsascala li tikkonsisti fi proprjetà immobbli sitwata fiż-żona delineata bl-aħmar fil-Pjanta tar-Reġistru ta' l-Artijiet annessa ma' dan l-Ordni, hija b'dan imsemmija bħala Żona Speċjali Msemmija għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

Żieda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

3. Ir-Residenza Ta' Monita, Marsascala għandha tiżdied mal-Lista ta' Żoni Skedati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti.

B 2402

